

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 270, 25.7.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2017 – Arrigoni vs
EUIPO – Arrigoni Battista (Arrigoni Valtaleggio)**

(Kawża T-454/16) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva Arrigoni Valtaleggio — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti ARRIGONI — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 57(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2017/C 374/49)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Arrigoni SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: P. Di Gravio, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Arrigoni Battista SpA (Bergamo, l-Italja) (rappreżentanti: S. Vereá, M. Balestrieri u K. Muraro, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-19 ta' Mejju 2016 (Każ R 2922/2014-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Arrigoni u Arrigono Formaggi SpA.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Arrigoni SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 364, 3.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2017 – D'Agostino vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-501/16) ⁽¹⁾

[“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Artikolu 3a tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg — Nuqqas ta’ tiġdid tal-kuntratt — Artikoli 12a u 24 tar-Regolamenti tal-Persunal — Dmir ta’ premura — Interess tas-servizz”]

(2017/C 374/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Luigi D'Agostino (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u G. Gattinara, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Diċembru 2011 li ma ġġeddidx il-kuntratt ta' membru tal-persunal bil-kuntratt tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, għal kumpens għad-dannu li allegatament sostna.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L. D'Agostino huwa kkundannat għall-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-Kawża F-93/12 u għandha tbat i-ispejjeż tagħha fil-Kawża T-670/13 P.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha fil-Kawża T-670/13 P.

⁽¹⁾ ĠU C ##, ##.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2017 – The Logistical Approach vs EUIPO – Idea Groupe (Idealogistic)

(Kawża T-620/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Idealogistic — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti idéa logistique — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Eżami ex officio tal-fatti — Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2017/C 374/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: The Logistical Approach BV (Uden, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: R. Milchior, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Hanf u S. Pétrequin, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Idea Groupe (Montoir de Bretagne, Franza) (rappreżentanti: P. Langlais, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-20 ta' Ġunju 2016 (Każ R 1435/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Idea Groupe u The Logistical Approach.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) The Logistical Approach BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 402, 31.10.2016.